# IL-FIDI FIT-TAGĦLIM TA’ SAN PAWL

Is-suġġett tal-fidi hu ċentrali fil-messaġġ teoloġiku ta’ San Pawl. Meta nħarsu lejn it-tifsira tal-fidi f’Pawlu hemm diversi aspetti li wieħed irid jikkunsidra.

*Tema frekwenti*

Jekk nagħtu daqqa t’għajn lejn l-ittri pawlini ninnotaw li t-tema tal-fidi hi frekwenti fl-ittri kollha anzi hi ċentrali fihom b’mod partikulari fl-ittri lir-Rumani u lill-Galatin. Nistgħu nieħdu statistika tat-tliet kelmiet li juża Pawlu: in-nom ‘**pistis**’ (fidi) jużah 142 darba ħdejn il-101 fil-bqija tat-Testment il-ġdid, il-verb ‘**pisteuo**’ (temmen) jużah 54 darba, u l-aġġettiv ‘**pistos**’ (fidil) jużah 33 darba. Mela l-kliem tal-fidi jidhru l-aktar fil-vokabularju ta’ Pawlu.

*Ħtieġa tal-Fidi*

Jekk fir-reliġjon griega ftit kien hemm post għall-fidi, il-Bibbja turi li l-fidi hi fl-għerq tal-ħajja reliġjuża kollha tal-bniedem u l-kristjaneżmu hu marbut ma’ ġrajja unika ta’ fidi. Għal Pawlu li tafda f’Alla hu ta’ importanza ċentrali, tant li wieħed isir nisrani billi jemmen: “*Għax l-Evanġelju hu qawwa ta’ Alla għas-salvazzjoni ta’ dawk kollha li jemmnu*” (Rum.1:16). Din il-fidi trid tkun tabilħaqq “*f’qalbek*” u “*b’fommok*” tistqarr li “*Ġesu’ hu l-Mulej*” (Rum.10:8-9; Filip.2:11): kredu primittiv kristjan. Hawn naraw is-sens reliġjuż veru tal-fidi.

*Il-Fidi mis-smigħ*

Fil-qalba tal-fidi hemm ir-rivelazzjoni. Din il-fidi hi mwassla permezz tal-kelma, bix-xandir tal-kelma t’Alla lill-bnedmin: “*Il-fidi, mela, tiġi mis-smigħ, u s-smigħ mix-xandir tal-kelma ta’ Kristu*” (Rum.10:17). Iżda Pawlu ma jonqosx li jistqarr li hu rċieva l-fidi nisranija b’esperjenza diretta fit-triq lejn Damasku: “*Dak li għażilni...sejjaħli...għoġbu jirrivelali lil Ibnu”* (Gal.1:15); “*permezz ta’ rivelazzjoni għarrafni l-misteru*” (Ef.3:3; ara wkoll: 1Kor.9:1; At.9:1-19; 22:5-11; 26:12-18). Mela l-fidi hija espressjoni tar-respons tal-bniedem għas-smigħ tal-vanġelu. Dan “*l-evanġelju ta’ Kristu*” (Gal.1:7) iġib “*il-ħelsien*” għal min jemmen (Gal.5:1,13), idaħħalhom f’xirka mal-ġisem ta’ Kristu u jwassalhom għas-salvazzjoni.

*L-Evanġelju u l-Fidi*

Il-kelma mħabbra, fil-ħsieb ta’ Pawlu, għandha fiċ-ċentru lil Kristu, fuq kollox lil Kristu msallab: “*Imma aħna nxandru ’l Kristu msallab, skandlu għal-Lhud u bluha għall-Griegi*” (1Kor.1:23; Gal.3:1). Din il-predikazzjoni tas-salib hi meqjusa bħala “*bluha*” f’kuntrast ma’ l-għerf tad-dinja, liema “*bluha*” bħala konsegwenza ġġib it-telfien, imma għal “*min jemmen bil-bluha tal-predikazzjoni*”, hi qawwa ta’ Alla li ġġibilhom is-salvazzjoni (1Kor.1:18,21; Rum.1:16). Mela bis-saħħa tal-predikazzjoni, li turi l-qawwa ta’ Alla fi Kristu msallab, “*il-fidi tagħkom tinbena*” (1Kor.2:2-5).

L-opra salvifika ta’ Alla mwettqa fi Kristu permezz tas-salib, xi drabi Pawlu jesprimiha permezz ta’ tixbihat. Meta jgħid li Alla wettaq “*il-fidwa*” (***redenzjoni***) permezz ta’ Kristu u “*kkostitwieh vittma ta’ espjazzjoni*” (***propizjatorju***: l-għatu ta’ l-arka meqjus bħala t-tron tal-ħniena ta’ Alla li fuqu l-Qassis il-Kbir kien iroxx id-demm fil-Jum tal-Maħfra), dritt iżid żewġ elementi importanti: l-ewwel, “*b’demmu*”, biex jirreferi għall-mewt ta’ Ġesu’ li permezz

tagħha nkisbet il-maħfra; it-tieni, "*permezz tal-fidi*", biex juri li dan ma jseħħx b'mod awtomatiku fil-bniedem, imma meħtieġa l-ewwel il-fidi (Rum.3:24-25).

Mela l-fidi hi indispensabbli għaliex hu permezz tal-fidi li n-nisrani jsib il-bażi ta' l-eżistenza ġdida tiegħu u hi l-ewwel tarġa biex "*tgħix fi Kristu*". Pawlu fehem li bil-fidi aħna nagħrfu li aħna midinbin u li Alla wettaq il-ħidma tiegħu ta' salvazzjoni biex niksbu l-maħfra permezz tal-mewt ta' Kristu. Kien impossibbli għall-bniedem li jikseb is-salvazzjoni bil-ħila tiegħu biss (Ef.2:8), u Alla għamel tajjeb għan-nuqqas ta' ħila tagħna.

Dan hu l-"*Evanġelju*" li fih "*aħna wkoll emminna*" (Gal.2:16) u bil-fidi l-bniedem iwieġeb lil Alla, jikkommetti ruħu. Pawlu jgħaqqad il-fidi mal-grazzja, tant li jgħid: "*Intom salvi bil-grazzja, permezz tal-fidi*" (Ef.2:8; Rum.4:16). Il-grazzja turi b'qawwa li s-salvazzjoni hi don ta' Alla u l-fidi ddaħħalna "*għal din il-grazzja li fiha qegħdin*" (Rum.5:2).

### *Il-Fidi u l-ġustifikazzjoni*

Pawlu għandu riflessjoni profonda fuq ir-relazzjoni bejn il-fidi u l-ġustizzja. Magħhom inżidu wkoll it-tema ta' l-opri tal-Liġi. Il-Lhud ta' żmien Pawlu kienu jemmnu li l-bniedem hu ġust quddiem Alla permezz ta' l-opri tal-Liġi. Għall-insara dan kien ifisser li mhux biss l-insara lhud imma anke l-insara minn fost il-ġentili kellhom jagħmlu ċ-ċirkonċiżjoni u josservaw il-liġi ġudajka biex isalvaw. Din kienet il-problema ta' żmien il-Konċilju (ta' Ġerusalemm) kif ukoll ta' dawk li kienu qed jopponu lil Pawlu fl-inħawi tal-Galazja. Iżda Pawlu ra l-problema aktar fil-fond quddiem il-mistoqsija: kif il-bniedem isir ġust, bil-fidi jew bl-opri tal-liġi? L-Appostlu jwieġeb "*li l-bniedem ma jkunx iġġustifikat bl-opri tal-Liġi imma bil-fidi f'Ġesu' Kristu*" (Gal.2:16). L-istess itenni fl-ittra lir-Rumani (3:20,28) u jkompli jgħid li l-ġustizzja (*righteousness*) ta' Alla hi mogħtija "*permezz tal-fidi f'Ġesu' Kristu lil dawk li jemmnu*" (Rum.3:22).

Il-ġustifikazzjoni hi proċess li bih il-bniedem midneb jerġa' jkun milqugħ minn Alla. Dan mhux mertu tal-bniedem imma hu bbażat fuq dak li għamel Alla, jiġifieri l-ġustizzja ta' Alla li dehret u hi possibbli ***biss*** permezz tal-mewt u l-qawmien ta' Ġesu' Kristu. Issa l-bniedem jista' jkollu din il-ġustizzja (*ġustifikazzjoni*) permezz tal-fidi biss. B'eżempju ta' din il-ġustizzja permezz tal-fidi, Pawlu jsemmi lil Abraham, li kien milqugħ minn Alla għax emmen f'Alla li jwettaq dak li wiegħed. Hu jikkwota test fundamentali, Ġen.15:6: "*Abraham emmen lil Alla u kien magħdud lilu b'ġustizzja*" (Rum.4:3; Gal.3:6). Hekk Abraham sar "*missier ta' dawk kollha li jemmnu*" (Rum.4:11-12) u bħalu jkun "*magħdud ukoll lilna* (b'ġustizzja) *li emminna f'dak li qajjem mill-imwiet lil Ġesu' Sidna*" (Rum.4:24).

### *Fidi fi Kristu*

Pawlu spiss juża l-espressjoni '*fidi ta' Kristu*' (faith ***of*** Christ) fil-ġenetiv bħal "*l-imħabba ta' Kristu*" (2Kor.5:14). Imma din dejjem insibuha tradotta bħala "*fidi fi Kristu*" (Rum.3:22,26; Gal.2:16,20; 3:22; Filip.3:9, eċċ). Qatt ma nistgħu nfissruha f'sens soġġettiv, jiġifieri li Kristu emmen. Imma nifhmuha f'sens oġġettiv: Ġesu' hu l-oġġett tal-fidi, allura nemmen f'Ġesu'. Pawlu qed jara l-fidi tiegħu f'rabta ma' Kristu. Nistgħu nfissruha wkoll f'rabta ma' l-aġġettiv '***pistos***': Kristu hu fidil u denju ta' fidi; hu appoġġ sod għax hu "*l-Iben ta' Alla*" u "*ta lilu nnifsu għalija*" (Gal.2:20).

### *Dimensjoni preżenti u futura tal-Fidi*

Dawk li jemmnu fi Kristu u jistqarruh fl-aħħarnett jirċievu l-magħmudija bħala espressjoni ritwali tal-fidi u dħul għall-ħajja ġdida fi Kristu. B'hekk in-nisrani jilqa' f'ħajtu l-azzjoni redentiva ta' Kristu, jiġifieri l-mewt u l-qawmien tiegħu (Rum.6:3-4). Iżid: "*Jekk aħna mitna ma' Kristu, nemmnu wkoll li għad ngħixu ma' Kristu*" (Rum.6:8). U għax aħna ġejna ġġustifikati bil-fidi, dan iġib "*is-sliem ma' Alla*" (Rum.5:1).

Iżda l-fidi għandha wkoll id-dimensjoni futura għaliex in-nisrani hu msejjaħ biex jemmen fil-wegħdiet ta' Alla. "*Imma aħna t-tama tal-ġustifikazzjoni nistennewha bl-ispirtu permezz tal-fidi*" (Gal.5:5; Filip.3:9; 1Tes.4:14). Din it-tama futura hi ispirata l-ewwelnett permezz tal-fidi fi Kristu rxoxt bħala "*l-ewwel frott*" fost dawk li mietu (1Kor.15:20), kif ukoll bil-"*fidi li taħdem permezz ta' l-imħabba*" (Gal.5:6). Trid tkun fidi dinamika u tikber (2Kor.10:15). B'hekk il-fidi tkun kapaċi li tirrispondi għall-misteru ta' Alla rrivelat fi Kristu, li Pawlu jesprimiha bil-kelmiet "*ubbidjenza tal-fidi*" (Rum.1:5;16:26), jiġifieri tagħraf fil-messaġġ rivelat ir-rieda ta' Alla.